C/2024/1648

21.2.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11395 — MYTILINEOS / VOLTERRA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1648)

1. Fit-13 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— MYTILINEOS S.A. ("MYTILINEOS", il-Greċja),

— VOLTERRA ANONYMI ETAIREIA PARAGOGIS KAI EMPORIAS ENERGEIAS ("VOLTERRA S.A.", il-Greċja), ikkontrollata minn AVAX ANONYMI ETAIREIA — ERGOLIPTIKI — TOURISTIKI — EMPORIKI — VIOMICHANIKI — OIKODOMIKON YLIKON KAI MICHANIMATON ("AVAX S.A.", il-Greċja).

MYTILINEOS se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' VOLTERRA S.A. kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— għal MYTILINEOS: l-enerġija (inklużi l-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa u bl-imnut tal-elettriku, kif ukoll il-provvista bl-ingrossa u bl-imnut tal-gass naturali) u l-metallurġija,

— għal VOLTERRA S.A.: l-enerġija (b'mod partikolari l-provvista bl-imnut tal-elettriku u tal-gass naturali).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11395 — MYTILINEOS / VOLTERRA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.